**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, it-Tlieta, 1 ta' Frar, 2022**

**Rikors Nru: 1246/2021**

**Fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 1119/2021CFS wara l-Mandat ta' Sekwestru Nru 1693/2021 fl-ismijiet:**

***OPERA INTERNATIONAL BUSINESS LIMITED***

***vs.***

***NORMAN SPITERI u MARIA SPITERI MANARA***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar talba mressqa minn Norman Spiteri: (i) sabiex jitneħħa l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1693/2021 għar-raġunijiet misjuba fl-**artikolu 836(1)(a), (b), (d)** u **(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**; u (ii) sabiex il-kumpannija Opera International Business Limited tiġi kkundannata tħallas penali u danni skont l-**artikolu 836(8) (a), (b), (c)**, **(d)** u **(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fis-**<u>17 ta' Diċembru, 2021</u>**, Norman Spiteri fisser li huwa ġie milqut b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1693/2021 maħruġ fuq talba ta' Opera International Business Limited;

3. Huwa jtenni li Opera International Business Limited ma ġġustifikatx is-somma ta' €3,568,000 li ġiet imsemmija fil-mandat, tant li hija ma rriżervatx din il-pretensjoni fir-rapport annwali tagħha għas-sena 2020 mibgħut lir-Reġistratur tal-Kumpanniji. Minbarra dan, huwa jisħaq li l-mandat intalab dwar pretensjonijiet imnissla minn relazzjoni kuntrattwali li Opera International Business Limited għandha ma' Daha Oils and Gas Limited u mhux miegħu personalment;

4. Norman Spiteri iżid jgħid ukoll, li qabel il-ħruġ ta' dan il-mandat, huwa qatt ma kien irċieva xi talba mingħand Opera International Business Limited sabiex iħallas xi danni;

5. Għalhekk huwa talab lil din il-qorti sabiex:

> *«tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru nru 1693/2021 fl-ismijiet fuq imsemmija, u dana a tenur tal-Artikolu 836(1)(a),(b), (d) u (f), u tapplika fl-istess waqt il-provvedimenti tal-Artikolu 836(8)(a),(b),(c)(d) u (9), kollox kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi, filwaqt li tagħti wkoll dawk il-provvedimenti l-oħra kollha li jidhrilha xierqa u opportuni.»*

6. B'digriet tagħha tat-**<u>28 ta' Diċembru, 2021</u>**, il-qorti ordnat in-notifika lil Opera International Business Limited, bi żmien sebat ijiem għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet ta' Norman Spiteri;

7. Opera International Business Limited ġiet notifikata fil-21 ta' Jannar, 2022 u daħlet tweġiba fit-**<u>28 ta' Jannar, 2022</u>**, fejn tat ir-raġunijiet tagħha għaliex dan ir-rikors m'għandux jintlaqa';

***Fatti***

8. B'rikors maħluf numru 1119/2021CFS imressaq fil-15 ta' Novembru, 2021, Opera International Business Limited fetħet kawża kontra Norman Spiteri u kontra martu Maria sive Mireille Spiteri Manara;

9. F'din il-kawża Opera International Business Limited qiegħda tixli lil Norman Spiteri li qarraq biha għaliex tgħid li dan iffirma żewġ kuntratti magħha, f'isem il-kumpannija Daha Oils and Gas Limited, meta dan Norman Spiteri ma kellux ir-rappreżentanza tal-kumpannija Daha Oils and Gas Limited. Iż-żewġ kuntratti inkwistjoni għandhom x'jaqsmu ma' xiri u bejgħ ta' Gasoil u ma' kiri ta' bastiment;

10. Għalhekk Opera International Limited qiegħda titlob lill-qorti sabiex tillikwida u tikkundanna lil Norman Spiteri u lil Maria Spiteri Manara jħallsuha d-danni li ġarrbet minħabba dan l-allegat aġir ta' ingann;

11. Din il-kawża għadha ma nqatgħetx;

12. Fl-istess jum tal-15 ta' Novembru, 2021 li ġie ppreżentat dan ir-rikors maħluf, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet talba tal-kumpannija Opera International Business Limited biex jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra Norman Spiteri u Maria Spiteri Manara, fl-ammont ta' €3,568,000;

13. Ir-raġuni għaliex intalab dan l-ammont kienet minħabba,

> «*Ammont dovut lis-soċjetà Opera International Business Limited, liema ammont jirrappreżenta ħlas dovut li qatt ma sar għal tagħbija taż-żejt, penali għall-ivvizzjar bi frodi ta' kuntratt kummerċjali min-naħa tas-sekwestrat, ħlas ta' kiri ta' bastiment li wkoll baqa' qatt ma ġie onorat, u bilanċ rimanenti fuq bejgħ ta' bastiment. Dan kollu joħroġ mir-rikors ġuramentat li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat 'Dok A'*»;

14. Fis-17 ta' Diċembru, 2021, Norman Spiteri ressaq ir-rikors għat-tħassir tal-mandat, li qiegħed jiġi deċiż illum f'dan id-digriet;

***Konsiderazzjonijiet***

15. Skont il-liġi tagħna, mandat kawtelatorju jista' jiġi mħassar jekk jintwera li teżisti waħda mis-sitt ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. F'dan il-każ, Norman Spiteri qiegħed isemmi erbgħa minnhom;

16. L-<u>ewwel raġuni</u> mressqa minn Norman Spiteri għalfejn għandu jitħassar il-mandat hija msejsa fuq l-**artikolu 836(1)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** li jgħid li mandat għandu jitneħħa jekk l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;

17. Eżempju ta' meta att kawtelatorju ma jibqax fis-seħħ huwa meta ma ssirx kawża dwar il-jedd imsemmi fil-mandat, fi żmien għoxrin jum minn meta jkun inħareġ il-mandat, hekk kif imsemmi fl-**artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara ***Raymond Meli v. David Meli pro et noe*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Frar, 2008 u ***White Sails Company Limited v. Mark Attard*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Jannar, 2022);

18. Fil-każ tagħna l-kawża saret minn Operational Business Limited dakinhar stess li nħareġ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Ma jirriżultax li din il-kawża ġiet abbandunata jew ċeduta minn Operational Business Limited. Jiġi b'hekk, li ma jistax jingħad li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1693/2021 tilef l-effetti tiegħu skont l-**artikolu 843 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

19. F'kull każ, Norman Spiteri mkien ma fisser fir-rikors tiegħu kif il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1693/2021 m'għadux fis-seħħ. Anzi dan ir-rikors tiegħu stess jixhed li dan il-mandat għadu fis-seħħ għaliex fir-rikors tiegħu huwa qiegħed jgħid li l-mandat għandu jitneħħa għaliex mhux ġustifikat. Li kieku l-mandat

inkwistjoni ġa m’għadux fis-seħħ, Norman Spiteri ma kienx ikollu għalfejn jitlob fir-rikors tiegħu biex dan il-mandat jitneħħa minħabba nuqqas ta’ ġustifikazzjoni;

20. Din l-ewwel raġuni msemmija minn Norman Spiteri għat-tneħħija tal-mandat għalhekk qiegħda tiġi miċħuda;

21. It-tieni raġuni għaliex Norman Spiteri jgħid li għandu jitħassar il-mandat tinsab mibnija fuq l-**artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**. Din id-dispożizzjoni tgħid li l-mandat għandu jitneħħa jekk waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;

22. Ingħad mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***Tyrell Corporation Limited v. Yirun Europe GmbH et*** mogħtija fl-14 ta’ Jannar, 2021, li din id-dispożizzjoni, tirreferi għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk biex wieħed jirnexxi f’din il-kawżali, wieħed irid juri li l-ħtieġa legali għall-ħruġ tal-mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att kawtelatorju;

23. Kif tajjeb imfisser fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet ***Dylan Azzopardi v. Peter Zammit,*** tad-9 ta’ Jannar, 2014, il-ħtiġijiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista’ toħroġ mandat kawtelatorju huma: (i) li din irid ikollha pretensjoni ta’ dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (ii) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta’ dritt; (iii) li l-mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba fl-**artikolu 831 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** dwar il-ħruġ tiegħu; u (iv) li tali mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltà tal-persuna li tkun talbitu;

24. Fil-każ tagħna, Norman Spiteri ma semma l-ebda ċirkostanza fir-rikors tiegħu, li ġrat wara l-ħruġ tal-mandat kawtelatorju 1693/2021, li minħabba fiha ġiet nieqsa xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tiegħu (ara f’dan is-sens ***Dr. Henri Mizzi***

***pro et noe v. Jebmed Srl*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Settembru, 2019). Tassew l-argumenti miġjuba minn Norman Spiteri fir-rikors tiegħu kollha jduru mal-fatt li dan il-mandat ma messu nħareġ qatt għaliex skontu l-pretensjoni mressqa minn Opera International Business Limited kontra tiegħu mhijiex mistħoqqa. Dawn l-argumenti però ma jidħlux fid-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex dawn l-argumenti huma *ex ante* l-ħruġ tal-mandat u mhux *ex post* il-ħruġ tal-mandat;

25. Ifisser għalhekk li Norman Spiteri ma seħħlux juri li għandu raġun jitlob it-tneħħija tal-mandat fuq din il-kawżali;

26. It-tielet raġuni mressqa minn Norman Spiteri biex jitħassar il-mandat hija marbuta mal-**artikolu 836(1)(d)** li jgħid li mandat jista' jitneħħa jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew inkella jkun wieħed eċċessiv;

27. Norman Spiteri jargumenta fir-rikors tiegħu li Opera International Business Limited ma ppreżentat l-ebda dokumentazzjoni li tagħti xi forma ta' ġustifikazzjoni għal kif huma waslu għas-somma ta' €3,568,000. Iżid li tant kemm l-ammont miltub fil-mandat mhux ġustifikat, li fir-rikors maħluf ma ntalbet tiġi likwidata l-ebda ċifra speċifika iżda ġie mitlub li tkun il-qorti stess li tillikwida l-ammont ta' danni li allegatament batiet;

28. Din il-qorti tibda billi tgħid li hija ma taqbilx ma' Norman Spiteri li għaliex Opera International Business Limited ma talbitx somma speċifika fir-rikors maħluf 1119/2021CFS, allura l-ammont imsemmi minnha fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju għandu jitqies bilfors bħala wieħed li mhuwiex ġustifikat. Il-fatt li kawża tkun waħda '*da liquidarsi*' ma jżommx lil dak li jkun milli jitlob li jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju (ara ***Anthony Muscat et v. Anthony Nicholl et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Awwissu, 2009);

29. Daqskemm sekwestrant għandu jedd jitlob li jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju meta l-ammont tiegħu jiġi likwidat u speċifikat f'rikors maħluf,

daqstant ieħor sekwestrant li ma jillikwidax ammont speċifiku fir-rikors maħluf għandu l-istess jedd li jitlob li jinħareġ mandat ta' sekwestru biex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu, ħalli b'hekk ma jiġix mikxuf jekk kemm-il darba joħroġ rebbieħ fil-kawża li jkun fetaħ;

30. Wara kollox, il-liġi ma tgħidx li biex jista' jinħareġ mandat kawtelatorju, is-sekwestrant irid ifisser kif inbena l-ammont li jixtieq jikkawtela bil-ħruġ tal-mandat (ara ***C & F Building Contractors Limited v. Emanuel Farrugia*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Awwissu, 2018);

31. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** deċiż fil-21 ta' April, 2014,

> *«mkien ma huwa mitlub fil-liġi li l-kreditur eżekutant ta' mandat kawtelatorju irid tabilfors iressaq ukoll xi dokumenti li juru jew isaħħu t-talba. Dak li titlob il-liġi huwa li r-rikorrenti, bil-ġurament tiegħu, jsemmi x'inhu l-oriġini tad-dejn u, ladarba l-pretensjoni hija dwar dejn jew talba li tkun sodisfatta bi ħlas ta' ammont ta' flus, "l-ammont li għalih tammonta t-talba'.»* (ara **artikolu 831 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**)

32. M'hemmx għalfejn li min joħroġ mandat joqgħod ifisser fit-tul id-dettal tal-kreditu jew tal-pretensjoni li tkun. Ikun biżżejjed li, fi ftit kliem, jagħti stampa ċara ta' dak il-jedd jew pretensjoni li huwa jkun irid jikkawtela bil-ħruġ tal-mandat li jkun (ara ***M.I.M.S. Supplies Limited v. Ivan Calleja*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar, 2009);

33. Ifisser dan, li kontra dak li jgħid Norman Spiteri f'dan ir-rikors tiegħu, biex mandat ikun validu m'hemmx għalfejn li s-sekwestrant joqgħod jissostanzja l-ammont li jkun jixtieq jikkawtela b'xi rapporti jew b'xi dokumenti tekniċi oħra. L-importanti huwa li ċ-ċifra li s-sekwestrant jitlob li tiġi kkawtelata bil-mandat tkun waħda li mad-daqqa t'għajn tista' titqies li tkun waħda li taqbel u tagħmel sens man-natura tad-dejn jew tal-pretensjoni msemmija bħala kawżali fil-mandat ta' sekwestru;

34. Kif taraha din il-qorti, dak li m'għandux isir huwa li sekwestrant jivvinta ammont minn żniedu jew jaqbad u jsemmi ċifra bl-addoċċ fil-mandat li tkun għalkollox maqtugħa mir-realtà;

35. Fil-każ tagħna, din il-qorti ma tistax mad-daqqa t'għajn tgħid li l-pretensjoni ta' Opera International Business Limited fir-rikors maħluf 1119/2021CFS hija inkompatibbli maċ-ċifra ta' €3,568,000 imsemmija fil-mandat ta' sekwestru 1693/2021. Mhijiex xi ħaġa daqshekk diffiċli li wieħed jimmaġina danni ta' madwar dan l-ammont minħabba allegat telf ta' bejgħ ta' żejt, penali minħabba frodi kummerċjali, ħlas ta' kiri ta' bastiment u bilanċ fuq bejgħ ta' bastiment. Dawn il-kwistjonijiet kollha jissemmew fil-kuntratti u d-dokumenti li ġew mehmuża mar-rikors maħluf imressaq fil-kawża 1119/2021CFS. Għalhekk ma jistax jingħad li d-danni li qed titlob Opera International Business Limited huma danni ineżistenti li tfaċċaw mill-baħħ;

36. Il-fatt imbagħad li din iċ-ċifra ta' €3,568,000 ma tissemmix fid-dokumentazzjoni li ntbagħtet lir-Reġistratur tal-Kumpanniji fir-rapport għas-sena 2020 ma jfissirx b'daqshekk li din il-pretensjoni hija nieqsa jew ivvintata. Tassew ma jirriżultax li biex pretensjoni ta' kumpannija tkun tista' tiġi mistħarrġa mill-qrati u tinħareġ dwarha att kawtelatorju hemm bżonn li din tissemma bħala riżerva fid-dokumentazzjoni li bil-liġi trid tintbagħat lir-Reġistratur tal-Kumpanniji;

37. Naturalment il-qorti mhijiex qiegħda tgħid hawnhekk li Opera International Business Limited għandha raġun titlob €3,568,000 għaliex din hija xi ħaġa li għad trid tiġi ppruvata waqt il-kawża. Li qed tgħid il-qorti f'din il-proċedura huwa biss, li Norman Spiteri ma rnexxilux juri li l-ammont kawtelat fil-mandat ta' sekwestru 1693/2021 huwa wieħed li mad-daqqa t'għajn jidher li mhuwiex ġustifikat jew inkella wieħed eċċessiv għall-għanijiet tal-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

38. Norman Spiteri iżda jgħid ukoll fir-rikors tiegħu li l-mandat ta' sekwestru għandu jitneħħa minn kontrih għaliex ir-rabtiet kuntrattwali li dwarhom Opera International

Business Limited qiegħda titlob rimedju fil-kawża 1119/2021CFS saru ma' Daha Oils and Gas Limited u mhux miegħu personalment. Anke hawn però Norman Spiteri m'għandux raġun għaliex l-azzjoni ġudizzjarja mibdija minn Opera International Business Limited fil-kawża 1119/2021CFS hija diretta kontra l-allegat aġir qarrieqi ta' Norman Spiteri u mhux kontra l-aġir ta' Daha Oils and Gas Limited. Issa jekk kienx hemm imġieba qarrieqa jew le, din hija xi ħaġa li trid tiġi deċiża fil-kawża 1119/2021CFS;

39. Wara kollox, fi proċedura marbuta ma' talba għat-tneħħija ta' mandat kawtelatorju, xogħol il-qorti mhuwiex li tgħid min għandu raġun fil-mertu bejn il-partijiet kontendenti jew li tidħol fuq il-kwistjoni dwar jekk is-sekwestrat huwiex il-kontradittur leġittimu għall-pretensjonijiet tas-sekwestrant;

40. Jiġi b'hekk, li anke dina raġuni miġjuba 'l quddiem minn Norman Spiteri sabiex jitħassar il-mandat taħt l-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** qiegħda għalhekk tiġi miċħuda;

41. Ir-<u>raba' u l-aħħar raġuni</u> msemmija minn Norman Spiteri għaliex għandu jitħassar il-mandat hija msejsa fuq l-**artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

42. Din il-kawżali tidħol fix-xena biss jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew jekk il-mandat ma jkunx aktar meħtieġ jew ġustifikabbi. Dak li jgħodd għalhekk biex tista' titħaddem din id-dispożizzjoni huwa li jintwera minn min irid li jitħassar il-mandat, li wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' għalkollox jew f'parti minnu fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "*jinżamm*" u "*aktar meħtieġ*" li jinsabu fl-imsemmi **artikolu 836(1)(f)**, liema kliem jagħtu x'jifhmu li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat, issa m'għadux il-każ (ara ***Ivan John Debono v. Antoine Vella***, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2021);

43. Il-bdil li għalih japplika dan is-subinċiż irid ikun wieħed li jolqot iċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet u mhux lejn terzi (ara ***Angela Busuttil Naudi v. Stephen Busuttil Naudi*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Awwissu, 2009);

44. Fil-każ tagħna, Norman Spiteri ma semma l-ebda ġrajja ġdida fir-rikors tiegħu, li seħħet wara l-ħruġ tal-mandat inkwistjoni. Għalhekk anke l-aħħar kawżali taħt l-**artikolu 836(1)(f)** ma tista' tkun ta' ebda fejda għal Norman Spiteri biex jitneħħa l-mandat;

45. Ladarba l-ebda waħda mill-erba' kawżali msemmija minn Norman Spiteri ma hija mistħoqqa, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1693/2021 għandu jibqa' fis-seħħ;

46. Fir-rikors tiegħu, Norman Spiteri jitlob ukoll lill-qorti biex tikkundanna lil Opera International Business Limited sabiex tħallasha **penali** skont l-**artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u **danni** skont l-**artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

47. Dwar it-**twaħħil tal-penali**, il-qorti tqis li ladarba hija sejra żżomm il-mandat kawtelatorju fis-seħħ, hija ma tarax għalfejn għandha tinqeda bid-diskrezzjoni tagħha biex tikkundanna lil Opera International Business Limited għall-ħlas tal-penali. Ingħad dwar dan l-aspett, li jekk joħroġ li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ, bħalma huwa dan il-każ, din għandha tiġi meqjusa bħala raġuni tajba biżżejjed biex is-sanzjoni tal-penali ma tingħatax (ara ***Office Technology Limited v. J.M. Supplies Company Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru, 1999);

48. Dan jgħodd ukoll anke jekk min talab għall-ħruġ tal-mandat ma jkunx ressaq talba preċedenti biex jitħallas id-dejn fiż-żmien ta' ħmistax-il jum qabel il-ħruġ tal-att kawtelatorju skont l-**artikolu 836(8)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara ***Dimbros Limited v. Philip Agius & Sons Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Awwissu, 2017). Dan hu hekk, minħabba li jibqa' dejjem fl-

għażla tal-qorti jekk tikkundannax lill-eżekutant għall-ħlas tal-penali. Il-kliem tal-**artikolu 836(8)** innifsu huwa msawwar fuq il-kelma «*tista'*», liema kelma tagħti marġini ta' diskrezzjoni lill-qorti (ara ***Carmel Farrugia et v. Charmaine Farrugia pro et noe*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Awwissu, 2012, ***Vincent Merċieca v. George Galea*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Novembru, 2001 u ***Yorkie Clothing Industry Ltd v. Dr Lillian Calleja Cremona*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Mejju, 2002);

49. Sewwasew f'dan il-każ, il-qorti ma jidhrilhiex li hemm raġunijiet siewja għala għandha twaħħal penali lil Opera National Business Limited skont l-**artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan għaliex ma ħariġx li dan il-mandat inħareġ b'ħażen, bl-addoċċ jew mingħajr ġustifikazzjoni ta' xejn;

50. Jifdal biss li l-qorti tiddeċiedi t-talba ta' Norman Spiteri sabiex tikkundanna lil Opera International Business Limited tħallsu d-**<u>danni</u>** minħabba l-ħruġ tal-mandat;

51. Fil-fehma tal-qorti talba bħal din ma tistax titressaq b'sempliċi rikors. Mod ieħor, talba ta' din ix-xejra jeħtieġ li ssir b'azzjoni ġdida bis-saħħa ta' rikors maħluf u mhux fil-qafas ta' rikors, marbut mat-tneħħija ta' mandat kawtelatorju. Kif tajjeb ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Joseph Rapa v. Raymond Sammut*** mogħtija fit-13 ta' Marzu, 2001,

> *«ir-rimedju mogħti lill-persuna esposta għall-effetti ta' mandat kawtelatorju li jkun sar skond il-liġi inutilment biex jiġi riżarċit id-danni, kellu jiġi espressament eżerċitat permezz ta' ċitazzjoni (illum rikors maħluf)»*;

52. Ir-raġuni ewlenija hija li, bħalma fissret il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni tagħha, ***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** mogħtija fit-30 ta' Jannar, 2014,

> *«il-proċedura għat-tħassir tal-mandat hija waħda li timxi fuq il-kejl tal-prima facie u dan ifisser li mhijiex proċedura maħsuba li ttul biex isir stħarriġ ukoll tad-dannu mġarrab mill-parti eżekutata.»* (ara wkoll

***Joseph Demicoli v. Coleiro General Supplies Limited*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Awwissu, 2018);

53. Illi għalhekk, il-qorti ssib li anke din it-talba għall-ħlas ta' danni taħt l-**artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ma tistax tintlaqa' għaliex saret f'att ġudizzjarju ħażin skont l-**artikolu 164(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda **tiċħad it-talbiet kollha** ta' Norman Spiteri mressqa fir-rikors tas-17 ta' Diċembru, 2022;

**Tordna** li l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-proċedura għandhom jitħallsu minn Norman Spiteri.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**